MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Numru 1239/2006

Il-Pulizija
(Supretendent Paul Vassallo
Spettur Louise Calleja
Spettur Therese Sciberras
Spettur Jeffrey Cilia)

vs

Duncan Fenech u Daniel Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 547174m u 59869m rispettivament, talli fit-18 ta' Novembru 2006 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, f'stabbiliment San Giljan:

1. zammew jew esercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. bhala l-persuni responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. bhala sidien jew bhala l-persuni li kellhom f'idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor xjentement taw b'kiri jew ippermettew l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali – bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. bhala operaturi ta' attivitajiet turistici hallew il-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita' pubblika – bi ksur tal-Artikolu 7 tal-A.L 128/2002;
5. impjegaw jew taw xoghol lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew b'mod iehor ghenu jew assistew lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att – bi ksur tal-Artikolu 32(1)(b) tal-istess Att;
6. impjegaw persuna minghajr licenzja – bi ksur tal-Artikolu 5(9) tal-A.L 205 tal-2004;
7. bhala impjegati impjegaw xi persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol – bi ksur ta' l-Artikolu 7, A.L 1993;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' kundanna ghal reat that l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sari r-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba wkoll li f'kaz ta' kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn

Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relativ ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna imsemmija aktar ‘l fuq u dana skond l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 110 tan-1993;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Rat l-imputati ma kellhomx oggezzjoni;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dawn il-proceduri skattaw minn perkwizizzjoni li l-pulizija ghamlet f’stabbiliment f’San Giljan maghruf bhala ‘AO Platinum’fejn fih kien hemm tfajliet ta’ nazzjonalitajiet varji libsin mill-anqas li kienu qed jixorbu jew jaghmlu zfin ta’ ‘pole dancing’ jew ‘lap dancing’ fl-intern ta’ dan l-istabbiliment frekwentat bhala regola minn irgiel.

L-imputazzjonijiet fil-maggjor parti taghhom jittrattaw ksur ta’ xi disposizzjonijiet tal-Kap 63 – l-Ordinanza dwar il-Qirda fil-Kummerc tal-Prostituzzjoni – u l-Avviz Legali relattivi.

Apparti minn dan huma mixlija bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 217 – l-Att dwar l-Immigrazzjoni – u Avvizi Legali relattivi, senjatament fejn huma jittrattaw impjiegi bi ksur tal-istess.

Il-Qorti jidrilha li ghandha titratta dawn ta’ l-ahhar, l-ewwel. Fil-kuntest ta’ dawn l- akkuzi li jolqtu l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 127) u l-Avvizi Legali konnessi mieghu senjatament it-205/2004 u l-110/1993, l-imputati huma akkuzati li impjegaw persuni mhux ezenti u minghajr d-dovuta licenzja ossija l-permess tax-xoghol u li ma kinux cittadini Maltin. Jirrizulta f’dan l-ambitu li kien

hemm jannimaw l-ambjent f'dan l-istabbiliment hdax it-tfajla, wahda minnhom ta' nazzjonalita' Maltija (ara xhieda tal-Ispettur Louise Calleja, fol.109). Mill-atti, wkoll mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati, jidher li t-tfajliet kienu ingaggjati qua 'dancers, entertainers/animators' u mid-dokumenti in atti jirrizulta li tlieta minnhom ma kellhomx permess ta' xoghol jigifieri kienu impjegati minghajr ma kienu koperti b'licenzja biex setghu jahdmu, premezz li ma kienux cittadini Maltin jew tal-Unjoni Ewropeja u dan b'divjet ta' l-Avvizi Legali fuq imsemmija. Inoltre skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217) huma ma kienux persuni ezenti, jigifieri li kull xoghol jew impjieg kien jehtieg licenzja b'dan wkoll, ai termini tal-istess Att, li l-prova fuq daqshekk kient akkarigu tal-imputati. Mid-dokumenti in atti l-licenzja rikjesta vis-à-vis dawn it-tlett persuni ma tirrizultax. Kwindi gew passibbli ghas-sanzjonijiet previsti mic-citat Att li jipprovdi ghall-multa ta' mhux izjed minn 11,646.87 Ewro jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew il-multa u prigunerija flimkien.

Ikkonsidrat:

Trattati l-imputazzjonijiet migjuba taht il-Kap 63 – l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni – u l-Avviz Legali 128/02, relatat maghha, jigi notat li l-fattur prevalenti hija l-prostituzzjoni jew l-iskopijiet immorali. Ma tezisti ebda prova, lanqas l-icken wahda, li: l-istabbiliment jew xi parti minnhu kien frekwentat jew maghdud bhala li hu ffrekwentat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali ohra jew li l-imputati hallew jew ippermettew li l-istabbiliment jew xi parti minnu jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, jew ukoll li l-istess imputati taw b'kiri jew ippermettew li l-istabiliment jew xi parti minnhu jigi uzat bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Ghal 'skopijiet ohra immorali' din il-Qorti tasserixxi li jrid jintwera li kienu qed isiru jew permessi li isiru attijiet ta' libidine. Ic-cirkostanza li tissemma fix-xhieda tal-Ispettur

Calleja (ara fol.109) ghalkemm tista’ titqies bhala att libidinuz u ghaldaqstant talvolta meqjus immorali ghal finijiet tal-Kap 63 xejn ma ghandu ma’ l-imputati u kwindi ma’ l-imputazzjonijiet impostati fuq l-Artikolu 8, 9 u 10 tal-Kap 63 li ghalihom l-Qorti accennat aktar ‘il fuq. Fi kliem iehor m’hemm xejn li jindika li l-imputati kienu jittolleraw, ihallu jew jippermettu mhux biss li ssir prostituzzjoni izda wkoll atti immorali.

Ikkonsidrat:

Fl-ambitu ta’ dak li jinghad hawn fuq il-Qorti ser tillibera l-imputati mill-imputazzjonijiet kollha li jolqtu l-Kap 63 u/jew l-Avviz Legali 128/2002, ossija mill-ewwel sar-raba akkuza. Ghal kuntrarju ser issib reita’ fuq il-hames, s-sitt, u s-seba akkuza – ta’ l-ahhar assorbiti.

Fir-rigward it-talba tal-prosekuzzjoni ‘ghas-sospensjoni jew t-thassir ta’ kull licenzja mizmuma …’, il-Qorti rat r-regolament seba’ tal-Avviz Legali 110/1993 li jghid li ‘l-Qorti ghandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, u b’zieda ma dik il-piena, tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta’ kull licenzja mizmuma minn min jaghmel ir-reat u li tkun relattiva ghal kummerc jew negizju, jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn tkun impiegata dik il-persuna’. Premess, f’dan il-kuntest, illi l-imputati ma ppruvawx li tlieta mill-persuni misjuba jahdmu fl-ista biliment ikkoncernat ma kellhomx permess tax-xoghol, jibqa’ il-fatt li l-prosekuzzjoni talbet s-sospensjoni jew t-thassir ta’ kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiogio, persuna li mhiex imputat u li imkien ma tikkonfigura fl-atti u li kwindi l-Qorti ma tarax kif tista’ tinkwadra fic-citat regolament 7 li esplicitament isemmi lil persuna li taghmel ir-reat. Ghalhekk din il-parti tal-akkuza ma treggix.

Ghaldaqstant, issib l-imputati mhux hatja tal-ewwel erba akkuzi. Issibhom pero’ hatja tal-hames, s-sitt u s-seba’ akkuzi. Rat l-Artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217, r-regolament 5(9) 205/2004, 7 tal-Avviz Legali 110/1993 u l-Artikolu

17(h) tal-Kap 9. Tikkundannahom flimkien u komplessivament l-ammont ta' hames t'elef Ewro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------